**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Ottubru 2022**

**<u>Rikors Guramentat Nru: 97/2013 AGV</u>**

**Rikors Guramentat, Citazzjoni Numru: 97/2013 AGV**
**Fl-ismijiet:-**

**M P SIVE P J**

**-vs-**

**M SIVE M B SI. SIVE S**

**IL-QORTI,**

**<u>RAT IR-RIKORS</u> TA' M P SIVE PJ ID NUMBER , DATAT 15 TA' SETTEMBRU 2021 FEJN IPPREMETTA S-SEGWENTI:-**

1. Premess illi l-kontendenti konjugi partijiet P sive P J M u l-Intimata / Konvenuta Si. sive S dak iz-zmien B illum M B , fl-etajiet rispettivi ta' hamsa w ghoxrin u dsatax-il sena kienu nghaqdu fiz-zwieg fil-Parrocca ta' San Duminku fil-Belt Valletta nhar it-28 ta' Ottubru ta' l-1989 u li tali zwieg gie rregistrat jumejn wara nhar it-30 ta' Ottubru tas-sena 1989, numru ta' l-Iskrizzjoni: 2096/30 ta' Ottubru 1989: vide Dokument MM 4.

2. Premess illi mir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom il-kontendenti konjugi M kellhom zewgt itfal u cioe' M M li llum ghandu l-eta' ta' wiehed u ghoxrin sena u J M li llum ghandha tmintax-il sena u peress li l-ebda wiehed minn dawn iz-zewgt itfal ma huma qed isegwu xi kors fuq livell terzjarju ta' l-edukazzjoni la f' arti w anqas fix-xjenza, kwindi fic-cirkustanzi mhux se jkun hemm kwistjonijiet jew sitwazzjonijiet jew soluzzjonijiet x'jinstabu ghal dak li huwa access ghal xi minuri jew manteniment li jista' jkun dovut lil dawn l-ulied peress illi t-tnejn li huma maggorenni w allura ndipendentement jahsbu ghal rashom fir-rigward ta' l-istil ta' hajja li jridu jghixu u li anke tfisser kif iridu isostnu lilhom infushom.

3. Premess illi ssir referenza ghad-Dokument MM 5 fir-raba' taqsima ta' din il-kawza fl-elenku ta' dokumenti fejn ir-Rikorrenti / Attur **P sive P J M** qed jehmez Affidavit dettaljat li jinkwadra c-cirkustanzi li ilhom is-snin jinhmew qabel wasal dan il-jum biex tigi ntavolata din il-Kawza ghal Firda Legali Konsenswali bejn il-partijiet, b' talbiet ancillari u li minn hawn u ftit iehor

twassal ukoll ghat-talba biex jinhall dan iz-zwieg permezz tad-Divorzju jekk ikun il-kaz: vide Dokument MM 5 fir-raba' taqsima (Elenku ta' Dokumenti) ta' din il-kawza odjerna.

4. Premess illi l-Intimata / Konvenuta Si. sive S M hija hatja ta' adulterju a bazi ta' l-Artiklu 38 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif anke sar accenn ghalih fid-diversi Affidavits li hemm mehmuzin fir-Raba' Taqsima ta' din il-Kawza bhala diversi dokumenti fosthom l-Affidavits (tnejn li huma) ta' l-istess Rikorrenti / Attur odjern, l-Affidavits taz-zewg uliedhom, w Affidavits ohra li ghad iridu jigu prezentati fil-mori tal-Kawza fosthom dik ta' omm ir-Rikorrenti / Attur Ma D sive M M u ghaldaqstant l-Intimata / Konvenuta ghandha tinstab hatja ta' adulterju fil-konfront tar-Rikorrenti / Attur zewgha b' relazzjonijiet intimi f' attivita' extra matrimonjali ma' diversi rgiel.

5. Premess illi l-Intimata / Konvenuta Si sive S M hija wkoll hatja ta' l-Artiklu 39 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba attijiet ta' vjolenza domestika kif jigi pruvat fil-mori tal-Kawza w anke kif jirrizulta minn dokumenti li hawn mehmuzin f' dina l-kawza odjerna u dokumenti ohra li ghad iridu jigu prezentati fil-mori ta' din il-kawza.

6. Premess illi wkoll l-Intimata / Konvenuta vvjolat vjolentament l-Artiklu 40 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi fil-konfront ta' zewgha w anke fir-rigward taz-zewg uliedhom li llum huma t-tnejn maggorenni b' mod illi l-hajja maghha m'ghadhiex iktar possibli il ghaliex dan iz-zwieg illum tkisser irrimedjabbilment.

7. Premess illi kif jirrizulta fil-mori tal-kawza w a bazi tad-diversi dokumenti hawn mehmuza r-Rikorrenti / Attur ghamel sforzi qawwija biex jipprova jsib soluzzjoni ma' l-Intimata / Konvenuta li ma twassalx ghal dawn il-proceduri kontenzjuzi anke ghal diversi ragunijiet mhux sempliciment minhabba l-ispejjez, imma dawna l-isforzi sfumaw fix-xejn minhabba l-intransigenza ta'

l-Intimata / Konvenuta li ppretendiet li xejn mhux xejn u ghaldaqstant kellha ssir il-Kawza odjerna.

8. Premess illi fic-cirkustanzi u wara diversi konsultazzjonijiet ir-Rikorrenti / Attur nhar it-22 ta' Ottubru tas-sena 2012 intavola skond il-Ligi u partikolarment Artiklu 37 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-proceduri tal-Medjazzjoni permezz tal-Medjazzjoni, Ittra Numru: 1323/12 - AGR li purtroppo anke minkejja l-isforzi tal-Medjatrici Antoinette Gatt Rutter f' diversi sessjonijiet quddiemha, ipprezentat Rapport nhar il-15 ta' Frar, 2013, jigifieri erba' xhur wara li giet intavolata l-Medjazzjoni originarjament fejn indikat li l-Medjazzjoni ma sehhitx.

9. Premess illi permezz ta' Digriet Numru: 385/13 - AL moghti nhar it-18 ta' Frar, 2013, dina l-Onorabbli Qorti ddikjarat li l-Medjazzjoni hija maghluqa w awtorizzat lil P sive P J M jipprocedi b' Kawza u dan fit-termini mposti mil-Ligi: vide Dokument MM 2 (u precedentement id-Dokument MM 1) fir-Raba' Taqsima f' din il-Kawza fl-Elenku ta' Dokumenti.

10. Premess illi tant ghamel sforz l-Intimat / Konvenut biex ma jasalx ghal dawn il-proceduri kontenzjuzi, illi meta kien se jkun ovvju li kien se jiskadi t-terminu mpost mil-Ligi u partikolarment l-Artiklu 37, sub-Artiklu 5 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Rikorrenti / Attur ta struzzjonijiet mill-Ingilterra lill-Konsulent Legali tieghu biex jaghmel talba ghal estenzjoni tad-Digriet Numru 385/13 - AL, liema talba ntlaqghet u nhareg Digriet iehor fejn il-Medjazzjoni giet estiza b' mod illi tat opportunita' lir-Rikorrenti / Attur biex jerga' jaghmel tentattivi ohra ma' l-Intimata / Konvenuta halli jippruvaw isibu soluzzjoni ghat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg ta' bejniethom.

11. Premess illi anke wara konsultazzjoni mal-Avukat tal-fiducja tieghu, ir-Rikorrenti / Attur iltaqa' ghal laqgha relattivament twila ma' l-Intimata / Konvenuta fil-presenza taz-zewg uliedhom MM u JM , biss l-Intimata /

Konvenuta regghet bdiet terga’ ddur mal-lewza u tilghab bid-diskors tant illi r-Rikorrenti / Attur rega’ kkonsulta ma’ l-Avukat tal-fiducja tieghu u ntbghatet ittra mill-istess Rikorrenti / Attur fejn lill-Intimata / Konvenuta ta l-ahhar opportunita’ bit-tama li jaslu ghal ftehim fuq Firda Legali Konsenswali imma din kien kollu ghal xejn.

12. Premess dina l-inkwadratura realistika l-Attur / Rikorrenti ma kellu ebda triq ohra ghajr illi jinizja dawn il-proceduri kontenzjuzi dejjem skond il-Ligi.

13. Premess illi giet elenkata lista ta’ xhieda ezawrijenti li r-Rikorrenti / Attur jittama ma jkollux ghalfejn itella’ l-parti l-kbira taghhom jekk l-Intimata / Konvenuta tifhem li hemm provi okulari u dokumentati dwar dak li r-Rikorrenti / Attur qieghed jikkontendi fl-agir inaccettabli tal-hajja matrimonjali ta’ martu li jkopru l-Artikoli 38, 39 u 40 tal-Kodici Civili u li naturalment fit-talbiet li sejrin isegwu jridu jkopru mbaghad diversi Artikoli ohra apparti dawk illi jimpingu fuq il-kura u kustodja tat-tfal minuri u manteniment lil tfal minuri jew tfal li jkunu ghadhom jistudjaw sa l-eta’ ta’ tlieta w ghoxrin sena billi dawn ic-cirkustanzi mhux applikabbli ghal fatti tal-kawza odjerna.

14. Premess illi r-Rikorrenti / Attur qed jelenka diversi dokumenti li huma ta’ mportanza biex din il-Qorti tkun tista’ tevalwa l-inkwadratura tal-fatti u tal-provi li ghandu f’ idejh ir-Rikorrenti / Attur, filwaqt illi jgharraf lil din il-wisq Onorabbli Qorti li fil-mori tal-kawza sejrin jigu prezentati aktar dokumenti, u tingab aktar evidenza biex tissostanzja dak li qed jissottometti ir-Rikorrenti / Attur permezz tad-diversi xhieda elenkati u dana kollu jsir fil-mori ta’ din il-Kawza quddiem Assistent Gudizzjarju jew Perit Legali skond kif tiddetermina din il-wisq Onorabbli Qorti.

15. Premess illi jkun ghaqli w opportun minhabba t-theddid u t-tenzjoni li fih qieghed jghix ir-Rikorrenti / Attur kull meta jkun hawn Malta mill-hidma li

kien kostrett li jmur jaghmel bhala Konsulent ewlieni fl-Inginerija ma’ ditta privata barra minn Malta, sagrificcju enormi li kellu jaghmel fir-realta’ li r-Rikorrenti / Attur ma jara xejn minn ghajnejh il-leminija, fatt illi kexkex anke lill-Avukat tieghu billi l-Avukat qatt ma ntebah sakemm f’ cirkustanzi partikolari r-Rikorrenti / Attur zvela filfatt li hu ma kien jara xejn minn ghajnejh il-leminija minhabba cirkustanzi li huma mfissra wkoll fid-Dokument MM 5 fir-raba’ taqsima ta’ din il-kawza ossia l-Elenku ta’ Dokumenti.

16. Premess illi fic-cirkustanzi sejjer ikun opportun illi din il-Qorti tintalab illi *pendente lite* l-Intimata / Konvenuta tigi ordnata minn din il-Qorti biex titlaq mid-Dar taz-Zwieg sakemm tkun miexja din il-Kawza u li din is-sitwazzjoni ssir permanenti meta tinghata s-Sentenza definittiva anke minhabba l-fatt li nonostante li r-residenza matrimonjali hija d-Dar Matrimonjali fl-Imtarfa, tant ikkagunat dejn u tbatija lir-Rikorrenti / Attur u lill-uliedha l-istess Intimata / Konvenuta, illi r-Rikorrenti / Attur jista’ jkun kostrett illi jew ibiegh ir-residenza matrimonjali nkella din tigi assenjata totalment lilu w anke hemm jibqa’ bilanc konsiderevoli favur tieghu a bazi tad-dejn enormi li l-Intimata / Konvenuta ghabbiet lill-Komunjoni ta’ l-Akkwisti bih.

17. Premess illi fic-cirkustanzi minkejja li bla dubju ta’ xejn l-Intimata / Konvenuta sejra titlob il-manteniment *pendente lite* quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti a bazi ta’ Artiklu 46A tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, huwa evidenti li fid-dawl ta’ l-adulterju ta’ l-Intimata / Konvenuta f’ relazzjonijiet extra matrimonjali li ghadhom sejrin ma’ diversi rgiel u l-iktar wiehed ricenti ma’ certu Charlo Compton, dina l-Qorti sejra tigi mitluba biex immedjatament u *pendente lite* tiddikjara li l-Intimata / Konvenuta ma hija ntitolata ghal ebda forma ta’ manteniment.

18. Premess illi fic-cirkustanzi ghandu jkun applikat bir-rigorozita’ tieghu kollha

l-Artiklu 48 fl-intier tieghu tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana minhabba l-hajja xejn ezemplari, moralment degradanti, l-abbuz fiziku u psikologiku li wettqet l-Intimata / Konvenuta li effettivament ifisser li m' ghandha assolutament tibbenefika xejn il ghaliex l-Intimata / Konvenuta kienet unikament responsabbli ghat-tifrik irrimedjabbli ta' dan iz-zwieg minkejja diversi tentattivi biex forsi s-sitwazzjoni tigi sorvolata.

19. Premess li din il-Qorti sejra wkoll tintalab biex tapplika fid-diskrezzjoni taghha diversi Artikli tal-Ligi fosthom l-Artiklu 55 u 55A tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u f' din l-inkwadratura wara li tigi ntavolata din il-Kawza, debitament notifikata lill-Intimata / Konvenuta, u fic-cirkustanzi jekk tidholx ir-Risposta Guramentata u possibilment il-Kontro-Talbiet da parti ta' l-Intimata / Konvenuta, ir-Rikorrenti / Attur sejjer jaghmel Rikorsi separati skond il-Ligi ghall-allontanament tad-Dar Matrimonjali da parti ta' l-Intimata / Konvenuta, in-nuqqas ta' obbligu biex jigi vversat manteniment fic-cirkustanzi, u naturalment kif id-Dar Matrimonjali ghandha tghaddi u tigi assenjata kompletament lir-Rikorrenti / Attur odjern.

20. Premess illi r-Rikorrenti / Attur huwa tal-fehma a bazi ta' Artiklu 62 tal-Kodici Civili sub-artiklu 2 illi Si sive S M  ghandha tigi projbita milli tkompli tuza kunjom ir-Rikorrenti / Attur wara s-separazzjoni, minhabba li l-uzu ta' l-isem tal-familja tar-Rikorrenti / Attur jista' jkun ta' pregudizzju gravi lir-Rikorrenti / Attur odjern.

21. Premess illi fic-cirkustanzi l-Intimata / Konvenuta sejra tinzamm responsabbli ghad-danni kollha sofferti, li qieghed isofri u ghad jista' jsofri r-Rikorrenti / Attur zewgha minhabba l-hajja xejn kumplimentuza li ghexet bhala mara mizzewga l-Konvenuta / Intimata u f' dawna c-cirkustanzi ghaldaqstant ir-Rikorrenti / Attur appena t-terminu legali ta' erba' snin jiskadi, u fid-dawl tad-decizjoni li tat il-Qorti relatata mal-manteniment u x-xoljiment tal-Komunjoni

ta’ l-Akkwisti, hija l-intenzjoni tar-Rikorrenti / Attur li jitlob lil dina l-Qorti ghal hall taz-Zwieg tieghu ma’ l-Intimata / Konvenuta permezz tal-procedura tad-Divorzju.

22. Premess dan kollu, prevja r-referenza ghall-inkwadratura li qed tirrizulta minn dawn il-premessi kollha, prevja r-referenza ghad-dokumenti esebiti fir-raba’ taqsima ta’ din il-Kawza odjerna, prevja x-xhieda u dokumenti, evidenza illi r-Rikorrenti / Attur fi hsiebu jressaq fil-mori tal-Kawza jekk l-Intimata / Konvenuta martu ma tirrealizzax illi dawn huma kollha spejjez ghal xejn u li jkun fl-interess taghha li tasal ghal Kuntratt ta’ Firda Legali Konsenswali, prevja dan kollu, tghid l-Intimata / Konvenuta Si  sive SM B : Id Number 0084370M ghala din il-wisq Onorabbli Qorti ma ghandhiex tevalwa, tiddeciedi, tidderiegi, u tordna illi:-

## II. TALBIET TAR-RIKORRENTI / ATTUR P SIVE PJ M ;

(a) Illi l-kontendenti konjugi M b' referenza ghaz-zwieg ta' bejniethom li sehh fil-Parrocca ta' San Duminku fil-Belt Valletta nhar it-28 ta' Ottubru, ta' l-1989 u debitament ic-certifikat awtentikat ta' l-istess zwieg huwa esebit fir-Raba' Taqsima tal-Kawza odjerna bhal Dokument MM 4, tali zwieg relatat mal-konjugi kif indikati **M** ghandhom jigu ddikjarati legalment mifruda permezz ta' Sentenza u b' hekk jintemm ghall-effetti kollha Civili, l-obbligu ta' bejniethom illi jghixu flimkien: Artiklu 35, sub-artiklu 1, Kapitlu 16.

(b) Il-Konvenuta / Intimata Si sive SMB ghandha tigi unikament mizmuma responsabbli ghal adulterju ma' diversi rgiel kif jirrizulta fil-mori tal-kawza w a bazi tal-provi kollha mressqa u kwindi wahda mir-ragunijiet ghala r-Rikorrenti / Attur **PM** qed jitlob il-firda: Artiklu 38 tal-Kapitlu 16.

(c) L-Intimata / Konvenuta ghandha tigi misjuba wkoll li kisret l-Artiklu 39 tal-Kapitlu 16 abbazi ta' attijiet ta' vjolenza domestika u li abbazi taghhom l-Intimata / Konvenuta ghandu jinhareg kontra taghha ordni ta' protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali w anke ordni ta' trattament taht l-Artiklu 412D tal-Kodici Kriminali u dana skond id-direttivi li jemanixxu mill-Artiklu 39 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

(d) L-Intimata / Konvenuta ghandha tigi ddikjarata li kisret vjolentament l-Artiklu 40 tal-Kapitlu 16 minhabba l-eccessi, il-mohqrija, it-theddid jew l-offizi gravi taghha kontra r-Rikorrenti / Attur zewgha kif ukoll anke kontra xi wiehed jew wahda miz-zewg uliedhom w anke minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex iktar possibli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremidjabilment: Artiklu 40 tal-Kapitlu 16.

(e) L-Intimata / Konvenuta ghandha formalment waqt li tkun miexja din il-Kawza w a bazi ta' separazzjoni separata li sejra ssir tintalab mill-Qorti biex ma tibqax toqghod fid-dar taz-zwieg tul il-perjodu li tkun miexja l-kawza: Artiklu 46 tal-Kapitlu 16.

(f) Fi zmien li tkun miexja l-kawza tal-Firda, l-Intimata / Konvenuta ghandu jigi precizat lilha li ma hija ntitolata ghall-ebda manteniment u dana minhabba l-adulterju u l-vjolenza domestika taghha apparti minn ragunijiet ohra konsiderando li hija l-istess Intimata / Konvenuta li l-Qorti qeghda tintalab biex tikkonferma li hija kienet il-htija unika ghat-tifrik irremidjabilment ta' dan iz-zwieg: Artiklu 46A.

(g) L-Intimata / Konvenuta Si. sive SMB ghandu jkun applikat fil-konfront taghha l-Artiklu 48 fl-intier tieghu tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u partikolarment 48, sub-artiklu 1, sub-inciz (a), (b), (c), u (d).

(h) Din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tapplika fid-diskrezzjoni taghha l-Artikoli 51, 52, u 53 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront u kontra l-Intimata / Konvenuta.

(i) B' referenza ghall-Artiklu 54 tal-Kodici Civili l-Qorti ghandha tikkjarifika li l-obbligu tal-manteniment da parti tar-Rikorrenti / Attur **PM** ghandu jitwaqqaf definittivament mas-Sentenza u dana minhabba li l-Intimata / Konvenuta a bazi tal-provi li jirrizultaw u skond il-Ligi ma hija ntitolata ghal ebda forma ta' retta alimentari u lanqas ghal xi forma ta' gharfien li hija tkun hadet hsieb id-dar jew hsieb ir-Rikorrenti / Attur jew tat kas tat-trobbija taz-zewg ulied sakemm dawn saru maggorenni.

(j) Illi għandhom ikunu applikati fid-diskrezzjoni tal-Qorti pero' fil-konfront ta' l-Intimata / Konvenuta s-sub-artikli in parte jew kollha ta' l-Artiklu 54 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ossia illi d-disa' sub-artikli jkunu kollha koperti skond ic-cirkustanzi.

(k) Ghandu jkun applikat l-artiklu 55, sub-artiklu 1 sa sub-artiklu 8 tal-Kapitlu 16 u tigi ddikjarata xolta l-Komunjoni ta' l-Akkwisti bejn il-kontendenti konjugi b' mod illi l-Intimata / Konvenuta m' ghandha tinghata ebda sehem mill-Komunjoni ta' l-Akkwisti u dan ghal ragunijiet bi provi u dokumenti li jkunu rrizultaw fil-mori tal-kawza.

(l) Ghandu jkun applikat l-Artiklu 55A tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi r-Rikorrenti / Attur ghandu jibqa' joqghod fid-dar taz-zwieg, ad eskluzjoni tal-parti l-ohra, sas-Sentenza definittiva fejn imbaghad il-Qorti tiddikjara, tidderiegi u tordna ezatt a bazi tal-provi li tkun xtarret, semghet, evalwat u ddecidiet fuqhom x' sejjer jigri mid-Dar Matrimonjali fl-Imtarfa a bazi tal-Kuntratt esebit w indikat bhala Dokument MM 6 fir-Raba' Taqsima tal-Kawza odjerna.

(m) Illi a bazi tad-decizjoni tal-Qorti skond kif tirrizulta, il-Qorti hija mitluba biex tuza d-diskrezzjoni taghha fir-rigward tad-diversi sub-incizi tas-sub-artiklu 1 ta' l-Artiklu 55A kif ukoll is-sub-artikli 2 u 3 fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

(n) Ghandu jkun applikat l-Artiklu 62, sub-artiklu 2 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi l-Intimata / Konvenuta ghandha tigi projbita milli tkompli tuza l-kunjom **M** wara l-Firda Legali, peress illi l-uzu ta' dak il-kunjom jista' jkun ta' pregudizzju gravi lir-ragel w allura l-Intimata / Konvenuta ghandha tigi ordnata tirriverti ghal kunjom xbubitha **B.**

(o) Ghandhom jkunu applikati l-Artikoli 62A kif ukoll l-Artiklu 66 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana biex jigu salvagwardati wkoll l-interessi personali tar-Rikorrenti / Attur **PM** u jigu mharsa jekk ikun il-kaz l-interessi ta' terzi.

(p) Ghandhom jinghataw dawk il-provvedimenti u direttivi appositi li l-Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna a bazi tat-talbiet kif hawn fuq suesposti nkluz ukoll in-nomina ta' Periti nominandi jekk ikun il-kaz bhal perezempju fejn tidhol ir-residenza matrimonjali w anke persuni li jinhatru bhala Kuraturi Deputati fl-eventwalita' li l-Intimata / Konvenuta tibqa' Kontumacja.

(q) L-Ispejjez kollha gudizzjarji w extra gudizzjarji, atti direttament u / jew indirettament konnessi ma' din il-Kawza jew proceduri abbinati direttament u / jew indirettament ma' din il-Kawza ghandhom kollha jigu sopportati mill-istess Intimata / Konvenuta u fin-nuqqas ta' dan li jekk ikun hemm xi assi li l-Qorti jidhrilha minkejja t-talbiet kif hawn fuq suesposti li ghandhom jigu assenjati lill-Intimata / Konvenuta, tali assi jittiehdu biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez enormi li r-Rikorrenti / Attur kien kostrett li jaghmel mhux biss biex saru dawn il-proceduri imma tul medda ta' snin kif gie mfisser u gie spjegat fil-mori ta' din il-Kawza.

23. Tant ghandu x' jissottometti r-Rikorrenti / Attur ghas-savju gudizzju ta' din il-wisq Onorabbli Qorti.

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Risposta guramentata ta' SM , datata 11 ta' Frar 2014 fejn eccepiet :-**

1. Illi preliminarjament, l-eccipjenti taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda ghal dawk ir-ragunijiet unikament attribwibbli lir-rikorrent, u mhux a bazi tal-allegazzjonijiet kollha mqanqla mill-istess rikorrent fir-rikors guramentat odjern.

2. Illi l-eccipjenti topponi t-tielet talba attrici bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt, billi kien propju r-rikorrent li kiser l-Artikolu 39 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u semmai l-ordni ta' protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u l-ordni ta' trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali ghandhom jigu applikati kontra r-rikorrent.

3. Illi ma tezisti ebda raguni ghala din il-Qorti ghandha tiddikjara li l-eccipjenti kisret l-artikolu 40 tal-Kapitolu 16, liema artikolu gie vjolat mir-rikorrent.

4. Illi lanqas ma jezistu cirkostanzi ghala r-rikorrent ghandu jinghata d-dritt ta' abitazzjoni fil-fond matrimonjali. Iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment minhabba li r rikorrent irrenda ruhu hati lejn l-eccipjenti ta' vjolenza, swat, adulterju, eccessi, sevizzi, ingurji gravi u minacci u ghalhekk huwa r-rikorrent li ghandu jigi ordnat sabiex b'mod definittiv jallontana ruhu minn dan il-fond. In effetti, r-rikorrent issa ilu zmien twil li abbanduna d-dar martimonjali.

5. Illi s-sanzjonijiet kontemplati fl-atikolu 48, 51, 52, 53, 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu applikati kontra l-eccipjenti, liema sanzjonijiet pero' ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-istess rikorrent.

6. Illi anqas ma tezisti raguni ghala l-artikolu 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu applikati kontra l-eccipjenti, liema dispozizzjoni ghandha wkoll tigi applikata fil konfront tar-rikorrenti.

7. Illi l-eccipjent taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi ddikjarata xjolta u li din tigi diviza bejn il-kontendenti, bl-eventwali bejgh b'licitazzjoni ta' dak kollu li mhuwiex kommodament divizibbli, u bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji, u dana kollu okkorrendo bl opera ta' perit nominand, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lir-rikorrent fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att, dana illi kif gja inghad ma tezisti l-ebda raguni ghala s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta citati mir-rikorrenti billi akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti. In oltre din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna lir-rikorrent jirrestitwixxi lill-eccipjenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha.

8. Illi lanqas ma tezisti raguni ghala l-artikolu 54 tal-Kapitoli 16 tal-Ligijiet Ta' Malta ghandhom jigu applikati kontra l-eccipjenti, liema dispozizzjoni ghandha tigi applikata fil-konfront tar rikorrent.

9. Illi wkoll ma tezisti l-ebda raguni ghal din l-Onorabbli Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha fir-rigward tal-artikolu 62, sub-artikolu 2 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Illi l-esponent topponi l-kumplament tat-talbiet tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

11. Illi l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati b'mod esklussiv mi-rikorrent. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali datat 22 ta' April, 2021.

**<u>FATTI1.</u>**

1.Il-partijiet izzewwgu ft-28 ta' Ottubru, 1989. L-attur ighid li l-problemi fiz-zwieg taghhom bdew xi hmistax-il sena ilu. Il-problemi li jindika l-attur kienu l-adulterju diversi drabi kommess mill-konvenuta, kif ukoll problemi ta' dejn li kienet taghmel l-istess konvenuta.

Isemmi li l-konvenuta kienet tiffrekwenta garaxx vicin id-dar taghhom, fejn kienu jiltaqghu xi nies biex jilghabu t-tombla u anki l-karti u kien hawn li skond hu ltaqghet ma' certu T  li kien gej minn familja mlaqqma Tal-Kampjun. Jikkonferma li kien hemm adulterju ghax kien installa telephone recorder u kien induna li kien hemm relazzjoni ghaddejja bejniethom u anke kienu jiltaqghu sahansitra anke bil-lejl meta kien ikun rieqed. Ighid li l-konvenuta nnegat ghal kollox li kellha dina r-relazzjoni, izda peress li hu kien konvint, beda jikkunsidra separazzjoni, imma rega' bdielu peress li t-tfal kienu ghadhom zghar u ddecieda li jahfrilha.

L-attur imbaghad ighaddi biex isemmi li iktar ma beda jghaddi z-zmien beda jinduna li martu kienet qed taghmel hafna dejn minn wara dahru u bdew jircievu hafna theddid, tant li kellu jara kif jaghmel biex isib il-flus biex ihallas dawn id-djun. Kien  hemm zmien fejn qaltlu li kienet qed tissellef il-flus peress li meta

kienet tmur tilghab il-karti jew it-tombla kienu jtuha sigaretti bid-droga fihom u kienet ghalhekk qabdet il-vizzju tal-kokaina u kellha bzonn il-flus biex tiffinanzja d-droga. Sallum l-attur ighid li huwa incert jekk dan kienx minnu jew le, izda l-konvenuta kienet tidher li qed tghid il-verita'.

Minhabba din is-sitwazzjoni, l-attur ighid li kien iddecieda li jbiegh id-dar tan-Naxxar, li kien hallas fil-maggorparti bi flusu qabel iz-zwieg u hemm salda l-loan li kellu mal-bank u salda d-dejn li kien hemm.

Fl-1997 beda jahdem ma' Comsec Ltd. Li kienet tigi gestita minn MA . Kien f'dan iz-zmien li kien jahdem hawn li tfacca l-kancer f'ghajnejh il-leminija u kawza tal-operazzjoni u l-marda kien tilef 95% tal-vizta. Minkejja dan l-inkwiet, l-imghallem tieghu xorta wahda baqa' jtih il-paga regolarment. L-ispejjes tal-operazzjoni kienu thallsu mill-Gvern.

Madanakollu, il-konvenuta sabet mezz li tisfrutta l-marda li kellhom u bdiet tittallab man-nies, anke mal-hbieb taghhom stess li l-attur kellu bzonn il-flus sabiex jaghmel l-operazzjoni, inkella seta' jghama. Hemm verzjonjijiet kontrastanti bejn il-partijiet peress li l-attur jinsisti li l-konvenuta kienet marret titlob il-flus minghand l-imghallem tieghu MA ghal darba, darbtejn ghall-ammont ta' Lm 20, 000, inkluz l-interessi. Il-konvenuta tinsisti li kienet marret titlob il-flus lil A fuq talba tal-attur.

A stess xehed u jikkonferma li l-konvenuta kienet marret titlob il-flus u kienu ghaddewhomlha.[1]. Il-konvenuta kienet ghamlet biss zewg pagamenti li kienu jammontaw ghal LM300 u kien baqa' bilanc ta' Lm20, 300. Kienu ghamlu loan agreement dwar il-hlasijiet fil-25 ta' April, 2006. [2] A jikkonferma li meta kkonfronta lill-attur sabiex ihallas dan id-dejn kien deher sorpriz, donnu ma kellux ideja dwar dan is-self, izda seta' kien il-kaz li kien qed jipprova jahbi lill-

[1] Dok. JSF 1 u JSF 2
[2] Dok. JSF 5

konvenuta. Pero' qatt ma nnega li dawn il-flus intuzaw ghall-operazzjonijiet sakemm kien qallu l-attur ftit ilu li qatt ma ntuzaw ghal dan l-iskop. Illum ighid li l-bilanc li kien fadal kien ta' Lm900.51. Ighid ukoll li qatt ma kien jikkunsidra lill-attur li kellu problemi ta' alkoholizmu u kien wiehed mill-aqwa impjegati li kellu.

Ighid li l-uniku loan li kienu taw lill-attur kienet ghall-vettura li tintuza ghax-xoghol.

BA, oht MA tikkorrobora ukoll il-verzjoni ta' huha u tikkonferma wara li l-konvenuta talbitha flus minhabba l-operazzjoni tal-attur, kienu tawha Lm8, 300 u sena wara tawha Lm7, 500. Meta ltaqghet maghha kienet infurmataha li l-kont tat-tabib kien izjed u kienu tawha Lm2, 400 ohra.[3] Kienet tathom garanzija b'xi bonds li kellhom l-genituri tal-konvenuta u ghalhekk kienu mohhom mistrieha. Ikkonfermat li l-konvenuta kienet ghamlet biss zewg pagamenti ta' Lm200 il-wiehed u l-bqija kienu tkellmu mal-attur u kienu ffirmaw ftehim dwar hlas u tghid li kien l-attur li kien qed jaghmel il-pagamenti.

Minhabba d-dejn li rega' ngema', l-attur spicca li kellu jmur jahdem barra minn Malta, ghax il-paga li kellu Malta ma kienitx bizzejjed sabiex ihallas id-djun. Mar ghalhekk jahdem l-Inghilterra. Kien hallas hafna mill-pagamenti ta' A wara li ghamel kuntratt mieghu.

Ighid li l-konvenuta kienet ammettiet mieghu u kienet talbitu jahfrilha li uzat il-marda tal-attur sabiex tiehu s-self minghand A  sabiex imbaghad thallas id-dejn li kellha mal-Bona persuna maghrufa fl-uzura.

Sar jaf ukoll li l-konvenuta kienet anke ssellfet il-flus minghand certu GM Lm500 u kienet talbithomlu minhabba l-operazzjoni tal-attur. Ukoll il-konvenuta baqghet ma hallistux u spicca kellu jhallashom hu.

---

[3] Dok. JSF 3

L-attur isemmi ukoll li kellu l-provi li l-konvenuta kienet qed tigbed il-flus sabiex tmur tilghab il-casino.

Isostni ukoll li meta kien gie lura Malta ghall-weekend u nduna li l-konvenuta mhux biss kienet hadet il-flus mill-kont tal-APS Bank fis-somma ta' €5600, kif ukoll hadet €5500 mill-pouch li gab mieghu. Kien ser jiddeposita dawn il-flus fil-kont tal-APS. Qatt ma tatu spjegazzjoni x'ghamlet b'dawn il-flus, izda jistqarr li kienet halliet il-familja xotta mill-flus, tant li meta wasal li miet missieru ma kellux flus bizzejjed biex ighin sabiex isir il-funeral ta' missieru. Ftit qabel kienet haditlu ukoll €6, 100 minghajr il-permess tieghu mill-kont tieghu personali tal-APS u qatt ma tathomlu lura.

Jishaq ukoll li l-konvenuta kienet gibdet €935 mill-ATM tad-Dragonara Casino bejn it-2 ta' Settembru, 2007 u t-3 ta' Marzu, 2008.

Fl-affidavit ulterjuri tieghu, l-attur jipprezenta diversi dokumenti sabiex jikkonferma l-ammisssjoni da parti tal-konvenuta li ghamlet id-dejn u li anke kienet tmur tilghab il-casino.[4]

L-attur izid ighid li kull darba kien dispost li jahfer lil martu sabiex isalva lill-familja u kienu jaghmlu zmien sew, imbaghad jerga' jibda l-inkwiet. Ighid li kien qed jipprova jinkorragiha sabiex tmur tahdem sabiex titbieghed mill-vizzju.

Fl-2009 rega' sab li martu kienet ghamlet dejn ma' certu F B u ghalkemm baqghet tichad spicca ghamilhom kawza[5] u peress li l-konvenuta ma bdietx tattendi regolarment ghax hu kien l-Inghilterra, inqatghet kontrihom u spiccaw li gew il-marixalli tal-qorti sabiex jehdulhom l-affarijiet. Kellu jintervjeni mill-Inghilterra sabiex jikkonvinci lill-marixalli ma jehodux dak kollu li kellhom jiehdu u minflok kellu jhallas dak kollu dovut lil FB . Kien ghalhekk li rnexxielu

[4] Dok. PMAU 3 A FOL. 528
[5] Dok. PMAV 3306

jiehu self mill-bank NatWest  fejn issellef is-somma ta' £10, 000. Wara li hallas dawn il-flus, l-ghamara u l-oggetti li nqabdu gew irrilaxxati.

Kien hemm problemi simili ukoll dwar dejn li allegatament sar ma' BZ   mill-konvenuta. Ghal darb'ohra l-konvenuta cahdet kollox, izda f'Awissu, 2012 kienu hargu mandati li ffrizawlu l-kontijiet u anke ttiehdet is-somma ta' €4,500 biex jithallas Z. Mill-informazzjoni li rnexxielu jakkwista rrizulta li l-konvenuta kienet talbet il-flus lil Z minhabba l-operazzjoni ta' zewgha. L-attur jikkonferma li dan il-kaz ghadu miftuh sallum u lil Z  qatt ma kelmu u lanqas kellu ideja min hu.

F'Jannar, 2012, ighid li l-konvenuta bdiet tahdem mal-Arriva bhala xufiera tal-karozza tal-linja. Jishaq li minn hawn kienet iltaqghet ma' certu C C  li mieghu kellha relazzjoni. L-attur jipprezenta diversi messaggi li kien hemm bejniethom fejn jaffermaw li qedghin f'relazzjoni. Hekk ukoll l-istess C kien ammetta dan ma' binthom stess J. C  kien anke ammetta mal-attur li kellhom sim cards sabiex jikkomunikaw bejniethom u n-numri huma 99681348 u 99681349. Kien anke nfurma lill-attur li l-konvenuta kienet akkwistat certifikat mediku falz minghandu b'akkuzi fil-konfront tal-attur. Minhabba dawn l-atti, il-konvenuta tkecciet mix-xoghol.

Binthom J tghid li kienet tkun hafna m'ommha dak iz-zmien li kienet tahdem mal-Arriva u kienu johorgu mal-hbieb kollegi taghha. Ghalkemm C  kien ikun maghha hafna ma kinitx indunat li seta' kien hemm xi haga bejniethom sakemm ma qallix hu. Tikkonferma ukoll li l-konvenuta u C  kienu sussegwentement tkeccew mix-xoghol minhabba li kienu tlewmu u C kien refa' idejh fuq il-konvenuta.

Sar jaf ukoll li l-konvenuta kellha diversi profili foloz fuq Facebook, fosthom  C T  li bih kienet tikkomunika ma' C C . Ighid minn dan il-profil iktar huwa evidenti li kien hemm adulterju kommess da parti tal-konvenuta. Jinghad ukoll li uliedhom ikkonfermaw li dan il-profil kien tal-konvenuta.

Binhom M ukoll kien gie fl-idejn ma' C, meta kien mar Gianpula mal-konvenuta u t-tfajla u nduna li C kien qed jaqbad mal-konvenuta ommu. Ghall-konvenuta dan ma halliex impatt ghax l-ghada skond l-attur marret il-bahar ma' C.

Kien ghalhekkk li kien ikkonfronta lill-konvenuta fid-9 ta' Ottubru, 2012 u ddecieda li jipprocedi bis-separazzjoni.

Skond l-attur, il-konvenuta kellha relazzjonijiet ma' rgiel ohra u kien hemm wiehed T tal-Kampjun minn B'kara u ma' wiehed Tork kif ser jissemma iktar 'l isfel. Meta sar jaf dwar ir-relazzjoni ma' T jammetti li kien refa' idejh fuqha ghax baqghet tinnega u hu kellu r-recordings.

Sar jaf ukoll minghand bintu J, li kienet introducietha ma' T u rieditha tmur tahdem mieghu t-Turkija. Dan kollu gie kkorroborrat minn binthom J, li qalet kienet sorpriza meta kienu raqdu fil-lukanda ma' dan it-Tork, tant li ommha gieghlitha torqod fl-istess sodda mieghu. Meta baqghet tinsisti li ma riditx tmur tahdem mieghu, il-konvenuta rrabbjat hafna maghha. Dak iz-zmien it-tifla kellha biss 15-il sena u jghid li dan mhux agir responsabbli ta' omm.

Kienet anke tehodha maghha biex tmur tissellef il-flus u kienet anke tisirqilha l-flus bhal meta talbitha l-flus ghal huha M u dan huwa kkonfermat minn bint il-partijiet, J li kkonfermat li sa llum ghadha minghajr il-€250 dovuti lilha.

L-attur ikompli jghid li l-konvenuta ma kinitx omm ezemplari, meta kienet tippreferi tmur tilghab il-casino, milli toqghod id-dar ma' uliedha u tqum biex tqajjimhom ghall-iskola. Kienet anke hadet il-flus li kien taha sabiex tordna nuccali ghal Jasmine. In-nuccali kien dam hemm 'l fuq minn tlett gimghat u spiccat li kellu jerga' johrog il-flus ghalihom.

Ikompli jghid l-attur, li l-konvenuta kienet anke talbet il-flus lil LV li kien l-gharus ta' J, izda dan irrifjuta u kienu spiccaw iggieldu.

L-attur jinsisti li l-konvenuta martu hija mara giddieba u qarrieqa.

L-attur jikkonferma li mill-bidunett tas-separazzjoni kien baqa' jhallas manteniment ghall-uliedu fis-somma ta' €150 kull wiehed u jghaddu f'idejn il-konvenuta sabiex tkun tista' tixtri l-bzonnijiet tal-familja. Ighid li hu xorta baqa' jhallas l-ispejjes u l-kontijiet kollha kemm tad-dar, kif ukoll tal-karozza. Kien anke baqa' jhallas il-pagamenti tax-xahar lill-bank minhabba s-self li kellhom fuq id-dar.

L-attur jinsisti li l-konvenuta ghandha l-kapacita' li tahdem u ma kienx dispost li jghaddilha manteniment.

Jishaq ukoll li fl-ahhar il-konvenuta bdiet issir aggressiva u kien waqt glieda fil-Milied waddbitlu ornament ghar-rasu u ppruvat taggredih b'cavetta. L-aggressivita' taghha wasalha sabiex anke attakkat lil ommha fizikament u anke hedded u kissret flixkun fil-konfront tal-mara ta' huha BB.

Hu jinnega li abbanduna d-dar matrimonjali kif tallega l-konvenuta u effettivament ighid li kienet hi li kienet qed tippjana minn wara daru li titilqu u tmur ma'  CC.  Ipprezenta diversi messaggi li saru bejniethom f'dan is-sens.[6]

MD M  omm il-konvenut, ikkonfermat li kienet taf dwar dejn li ghamlet il-konvenuta ma' certu Ch. ghax kienu cemplulha sabiex isaqsu fuq il-konvenuta ghax kellha d-dejn maghhom. Ikkonfermat ukoll il-verzjoni attrici li kien hemm glieda fil-Milied, fejn il-konvenuta kienet aggressiva mal-attur.

J , bint il-partijiet tghid li tul l-ahhar sentejn, il-konvenuta ommha kienet tbati minn hafna burdati estremi jew jidhku hafna jew kienet titrattaha hazin, li spiccat tant argumentat maghha li telqet mid-dar u ma qaltilix fejn kienet qed tghix u talbet lill-pulizija, meta l-konvenuta rrappurtata nieqsa biex ma jghaddulix l-

[6] Fol. 182- 183 tal-process fl-affidavit tal-attur.

indirizz taghha.

L-attur qed jippretendi s-segwenti spejjez u flus minghand il-konvenuta minhabba d-djun li ghamlet:-

i) €22,093 valur tal-proprjeta' Flat 1, St.John's Flats, Triq 21 Settembru, Naxxar;[7]

ii) €34,186 rapprezentanti dejn li ghamlet il-konvenuta ma' terzi;[8]

iii) €5,907.67 flus li gibdet il-konvenuta mill-ATM tal-casino Dragonara;

iv) €1,163 dejn li ghamlet il-konvenut mal-habib tieghu GM u li hu hallas;[9]

v) €5,500 flus li serqet il-konvenuta mill-pouch tieghu bejn l-1 u 2 ta' Novembru, 2009 ;

vi) €5,600 flus li hadet il-konvenuta mill-kont personali tieghu tal-APS numru 20000787990 ;[10]

vii) €16,443.20 dejn li ghamlet il-konvenuta ma' FB u spiccat b'kawza l-Qorti ;[11]

viii) €4,500 dejn li ghamlet il-konvenuta minghajr awtorizzazzjoni tal-attur ma' BZ ;

ix) €71,382.18 l-ammont li hallas l-attur, inkluz interessi bankarji lil MA wara li l-konvenuta ssellfet il-flus fl-ammont ta' €47,907 ;

x) €3,850.30 spejjes li ghamel l-attur biex jigi Malta minhabba l-kawza ta' separazzjoni ;[12]

---

[7] Dok. PMAU0918
[8] Dok. PMAU0918 a fol. 2
[9] Dok. PMAU3-E01
[10] Dok. JSF 8
[11] Dok, PMAU3_E06
[12] Dok. PMAU0918

xi) €16,260.84 sehem il-konvenuta mis-self li ghandhom mal-Bank of Valletta plc., (li llum tela' ghall- €21,069.84 – dawn mhux mizjuda mat-total hawn imsemmija iktar 'l isfel;

xii) €3,032.38 arretrati tal-kontijiet tad-dawl u ilma;[13]

Ghalhekk it-total li qed jippretendi l-attur huwa ta' **€189, 918.57.**

F' affidavit ulterjuri minn fost diversi li ghogbu jaghmel l-attur, jirrizulta ukoll li sal-ahhar ta' Awissu, 2020, il-kont tal-ARMS kien tela' ghal €2,346.88.[14] Kif ukoll kien hemm dak dovut lilu personali ghall-hlasijiet li ghamel l-attur u dawn jammontaw ghall-€1,553.26, li flimkien iwasslu ghall-total ta' €3,900.14.

Ighid ukoll li l-konvenuta qatt ma hallset ghall-ispejjes tal-condominium li sehemha jammonta ghall- €750.

L-attur jikkonferma ukoll li hu jahdem bhala telecoms engineer u kellu access ghall-MSN u l-emails tal-konvenuta. Jinnega li kien jaf il-password tal-Facebook tal-konvenuta, izda sar jafu bejn Awissu u Settembru, 2012 ghax kellu programm u beda jissusspetta li l-konvenuta kienet infidila lejh. Jammetti li jhakkja l-Facebook taghha u hadilha l-messaggi li kien hemm.

**2. Il-konvenuta** tghid li l-familja tal-attur ma kellhomx pjacir biha u fil-fatt dam hafna ma ntroduciha.

Meta kienet harget tqila b'M, tghid li l-attur ma tantx kien kuntent u dan l-iktar minhabba li ma kellux bizzejjed flus, wara li wahhal fil-konvenuta li nsistiet mieghu biex ma jmurx jahdem l-Arabja Sawdita.

[13] Dok. PMAU0918
[14] Dok. CF4

Tul it-tqala, tghid li l-attur kien dejjem xoghol u qatt ma mar maghha ghall-vizti tat-tabib. Ftit li xejn kien jara lil M  u tistqarr li dak iz-zmien, l-attur kien qabad il-vizzju tax-xorb. Tghid li prattikament kien jisker ta' kuljum u anke r-relazzjonijiet intimi bejntiehom kienu naqsu sew. L-attur jammetti li kien hemm perjodu fejn kien qabad il-vizzju tax-xorb u dan minhabba li hass li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejnu u l-konvenuta u dan minhabba li f'dak iz-zmien il-konvenuta kienet interessata biss f' T  tal-Kampjun. Jammetti li k ien hemm drabi fejn dahal fis-sakra.

Rat ftit tibdil meta kienet harget tqila bit-tifla J , izda malli twieldet it-tifla kien rega' beda bl-istess problemi. Sadanittant, il-konvenuta kienet bdiet tattendi *prayer group* u kien hawn li ddecidiet li titlaq lill-attur u tmur tghix ghand il-genituri taghha, Meta l-attur sar jaf, kien beda jwieghdha li kien ser jinbidel u anke talab l-ghajnuna tal-genituri tal-konvenuta u anke ta' hutha. Il-konvenuta tghid li kienu l-genituri taghha li kkonvincuha sabiex taghtih l-ahhar cans.

Ghamlu zmien kienu mexjin tajjeb, izda mbaghad regghu bdew il-problemi meta wara x-xoghol l-attur beda johrog mal-hbieb. Il-konvenuta tistqarr li ghamlet hbieb ma' koppja li kienu ukoll jattendu l-prayer groups u dan sabiex thegg lill-attur sabiex johorgu flimkien bhala koppji u ghamel zmien kien accetta li johrog maghhom.

Imbaghad bdew il-problemi tad-djun. L-ewwel kienet giet ikkonfrontata minn certu M , li kien mar ifittex lill-attur minhabba xi flus li kellu jiehu minghandu. Meta mar ikellem l-attur kien qallha li kien hemm problema ta' *business.*

Issostni li l-attur kien beda jibghatha ghand in-nies u tiddejjen f'ismu

u ma kienx itiha soddisfazzjon. Fl-2002 tghid li kellha tbiegh id-dar proprju fin-Naxxar minhabba dan id-dejn.  Imbaghad fl-2008, certu F ukoll insista li kellu jiehu l-flus minghandhom u wara li fetah proceduri l-Qorti kien ghamel mandat ta' sekwestru biex jiehu l-ghamara. Tikkonferma mbaghad li kienu waslu ghall-ftehim fuq il-pagamenti. Tinsisti li kien l-attur li kien jibghatha sabiex tiddejjen.

Fl-2004, l-attur tela' Liverpool bl-intendiment li jaghmel operazzjoni f'ghajnejh u kien hawn li talabha titlob Lm8000 minghand l-imghallem tieghu M A  u sussegwentement Lm10, 000. Minkejja li kienet titlob lill-attur ghalfejn ried dawn il-flus, meta kollox kien imhallas mill-Gvern ma tahiex risposta. Peress li kienet bdiet tisthi titlob iktar flus minghand A,  kienet talbet minflok lill ohtu  BA .

Izid tghid li fit-2 ta' Awissu, 2005, l-attur kien telaq lejn l-Inghilterra u beda jaqla' paga. Meta kienet issuggerit li ghandu jibda jghaddilha l-flus sabiex thallas lil A, irrifjuta li jaghmel dan peress li kellhom bzonn jieqfu fuq saqajhom. Imma meta A kkomunika mal-attur u talbu l-pagamenti lura, l-attur kien infurmaha li kellhom jaghmlu kuntratt mieghu u ohtu u kellhom iroddu lura Lm350 fix-xahar.

Il-konvenuta kkonfermat ukoll li kienet taghmel id-dejn man-nies u kienet tghidilhom li kellha bzonnhom minhabba li zewgha kellu kancer u dan kienet taghmlu tghid minhabba li kien igieghlha l-attur. Il-flus kellha bzonnhom ghall-hajja u sabiex thallas il-loans. Il-flus li kienet tissellef tghid li kienet izomm parti minnhom u r-rimanenti kienet tghaddihom lir-ragel. Tistqarr li l-attur hadilha l-files kollha sabiex ma tkunx tista' tipprova dan id-dejn, izda l-attur jinnega dan.

Illum tammetti li ghad ghandha dejn fl-ammont ta' €6,000 u tat bhala

garanzija nofs id-dar matrimonjali.[15] Id-dejn precisament huwa ma' ANT u M C fl-ammont ta' €6,950 u kien dejn li ghamlet hi waqt is-separazzjoni[16]

Tikkonferma ukoll li minhabba li sarilhom sekwestru fuq il-kontijiet bankarji, l-attur kien jiddeposita l-flus ghall-hajja f'kont bankarju li fetah f'isem it-tifel MM.

Il-konvenuta ukoll tghid li kellha suspetti li l-attur kien qed ikun infidil lejha u dan meta saret taf li fl-appartament fejn kien ighix l-Inghilterra, flimkien mal-habib tieghu, kien hemm ukoll mara Pollakka u qatt ma kien semma li kienet tghix hemm. Sabet ukoll diversi messaggi u anke ittra li kien jibghat lil diversi nisa.[17] Kienet anke bdiet tinduna li meta jigi Malta, ma kellux karezzi lejha, ma kienx ikunu intimi u kien jonqos l-interess fiha iktar iktar ma' kull darba li kien jinzel Malta.

Tghid ukoll li meta l-attur beda l-proceduri ta' separazzjoni ammetta maghha li ma setax inehhi minn mohhu lil certu M M , mara li kien ilu jaf minn meta kien tifel. Kienet indunat ukoll mill-istatements bankarji li kien jittoppja l-mobile taghha regolarment. L-attur jikkonferma li wara li fetah dina l-kawza kellu relazzjoni qasira ma' Moira Mamo u dan kien fl-2015, izda kien ilu jafha minn meta kellu 17-il sena, izda kien ilu ma jaraha minn dak iz-zmien.

Dwar l-allegazzjoni ta' bintha li haditha mal-habib taghha ET tinnega li raqdet lit-tifla mieghu u sahansitra li ghajjritha ghaliex J ma riditx taccetta l-impjieg li kien qed joffrilha t-Turikija. Tghid li

[15] Dok. PM (X)

[16] Dok. SM (a)
[17] Dok. A

lanqas tifhem bl-Ingliz u kienet qaltilha t-tifla li kien offrilha mpjieg ghal meta tikber.

Jekk kien hemm diversi messaggi li esebixxa l-attur minn fuq l-Facebook account taghha, tghid li dan kollu sar mill-attur ghax tinnega li qatt baghtet dawn il-messaggi.

Il-konvenuta tikkonferma li ma tahdimx u tghix mill-beneficcji socjali, filwaqt li t-tfal ighixu maghha u ghakhekk tiehu hsieb ukoll il-bzonnjiet taghhiom., L-attur baqa' jhallas biss is-servizzi tad-dar matrimonjali. Tametti li ma tistax tapplika mal-ETC biex tirregistra ghax-xoghol u dan minhabba li ghandha tumur go rasha. Illum tircievi €92 tal-mard u €412 beneficcju kull erba' gimghat.

In kontro-ezami tghid li hadet sehem fil-karnival ghax dejjem kienet ix-xewqa taghha ghax hasbu li ghandha kancer fl-istonku.

Tametti ukoll li kienet habiba ta' CC , fejn saret tafu fuq ix-xoghol u tikkonferma ukoll li tkecciet minhabba fih. Tghid li kien iffissa fuqha u ried ikollu relazzjoni maghha u peress li m'accetatx beda jirrabbja maghha. Kien jigdeb u kien anke beda jghid li kien harigha tqila. Is-superjur taghha Mr. S kien wissiha sabiex tevitah. Tghid li ghaliha kien habib biss u partner ghaliha ffisser habib u ghalhekk qalet hekk fir-rapporti li saru quddiem il-pulizija.

Dwar il-flus li ngibdu mill-ATM tal-casino d-Dragonara jghid li kienet tmur il-casino ghax kien jibghata l-attur biex forsi jirbhu xi flus u kellha l-credit card tieghu f'idejha.

3. Joseph Chircop, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li l-konvenuta tircievi beneficcji u bdiet tircevihom minn April 2013 u r-rata li qed tircievi bhalissa huwa

ta’ €83.89 fil-gimgha.[18]

Tircievi ukoll xi bonuses u ghandha ghajnuna medika u ghajnuna supplementary. Ta’ dawn tiehu €125 u jithallsu tlett darbiet f’sena. Bhala bonus tircievi €135.10 kull sitt xhur. Imbaghad hemm bonus specjali li jircevuh kull gimgha u dan jammonta ghal €3.12.[19]

Ighid li mid-dokumentazzjoni li esebixxa, jirrizulta li lill-konvenuta kienu bdew ighaddulha l-ghajnuna socjali sa mill-20 ta’ April 2013 u baqghu jhallsu sas-6 ta’ Lulju, 2014 u dan peress li kienet talbithom l-ghajnuna ghax qaltilhom li r-ragel kien mar ighix l-Inghilterra. Imbaghad dan l-ammont kien intalab lura mid-Dipartiment u dan minhabba li ma kinitx infurmathom meta gie lura l-attur mill-Inghilterra. L-ammont li kellu jintradd lura kien ta’ €2599.40 u bdew jitnaqqsu mill-pagamenti li kienu qed jinghatawlha. Meta waqqfet l-ghajnuna socjali, il-konvenuta kienet appellat mid-decizjoni tramite l-avukat taghha Dr. Albert Zerafa, liema decizjoni kienet favur id-Dipartiment. [20]

Kien biss wara b’effett mit-13 ta’ Dicembru, 2014 li d-Dipartiment regghet bdiet tohrogilha l-ghajnuna socjali. Dak iz-zmien kien hemm imnizzel li fid-dar kienu joqoghodu hi u t-tifel Matthew.

Dwar l-attur jikkonferma li ma jircevix ghajnuna socjali.

4. Joyce Cassar kienet tahdem bhala HR Manager mal-Arriva fiz-zmien li kienet tahdem hemm il-konvenuta. Ikkonfermat li kienu

[18] Dok. JC 1
[19] Dok. JC 1
[20] Dok. IC

ttiehdu xi passi dixxiplinari kontra l-konvenuta u dan minhabba li kienet iffalsifikat certifikat mediku.

Rachel Galea, in rapprezentanza ta' Malta Public Transport ikkonfermat li l-konvenuta kienet impjegata maghhom mill-24 ta' Jannar, 2012 u l-kuntratt gie tterminat fis-27 ta' Awissu, 2012.[21] Mid-dokumentazzjoni li pprezentat jirrizulta li r-raguni ghat-tkeccija kienet minhabba li kien hemm argumentat ma' xufier iehor fuq ix-xarabank quddiem il-passiggieri, kif ukoll minhabba li pprezentat certifikat mediku falz.[22] Mid-dokumentazzjoni pprezentat tispjega li C C kien ex impjegat taghhom, izda ma kinitx tafu, izda jirrizulta li kien il-persuna li mieghu ggieldet il-konvenuta u kien ukoll ix-xufier li ha post il-konvenuta meta m'ghamiltx ir-rotta bla ma nfurmat l-Awtorita'.

Esebit ukoll id-dokumentazzjoni relatata mal-passi dixxiplinarji li ttiehdu fil-konfront ta' CC .[23]

JS  in rapprezentanza tal-Awtorita' dwar it-Trasport jokkupa l-kariga ta' senior manager. Jispjega li kien hareg ic-charge kontra C fuq tlett affarijiet, li kien ghadda certifikat mediku falz lill-konvenuta u dan fuq ammissjoni tieghu stess, li kellu argument mal-konvenuta d-Depot il-Marsa, fejn refa' idejh fuqha. Il-konvenuta kienet anke ghamlitlu rapport li kien qed iheddidha. Kien fuq dawn

[21] Dok. RG1 u RG 2
[22] Dok. RG4-RG6

[23] Dok. DT4 – DT 7

ir-ragunijiet, li kemm C, kif ukoll il-konvenuta tkeccew mix-xoghol.

Ighid li seta' jinduna li bejn C u l-konvenuta, ma kienx hemm biss relazzjoni ta' xoghol, izda kien hemm izjed familiarita' bejniethom u kienu l-hin kollu jfittxu lil xulxin.

Jikkonferma li mbaghad kienet JC , li hadet id-decizjoni li ghandhom jittiehdu proceduri kontrihom.

5. BZ ikkonferma li kien jaf lill-konvenuta peress li kien habib t'ohtha u kien introducihomlu impjegat tieghu PA. Ighid li l-konvenuta kienet talbitu l-flus minhabba l-attur kellu jaghmel operazzjoni. Ighid li kien sellef lill-konvenuta s-somma ta' €7,500. Ighid li l-konvenuta kienet hallsitu dak il-hin stess b'zewg cekkijiet wiehed li kien jammonta ghal €3,500 u cekk iehor ta' €4,000. Jispjega li kien sarraf dawn ic-cekkijiet xi tlett xhur wara li tathomlu billi harighom fuq isem haddiehor peress li kienu *blank*. Dawn kienu nhargu fuq M V u Autosales Ltd u meta marru biex isarffuhom ma ssarfux. Kellu ghalhekk ihallashom minn flusu u mar ha parir minghand Dr. Nicole Briffa u hargu mandat ta' sekwestru wara li nharget ittra ufficjali. [24] Wara s-sekwestru kienu spiccaw gabru mill-Bank of Valletta plc u l-APS Bank l-ammont ta' €4,377.94 li kienu zbankaw mill-Qorti stess.[25] Ighid li qabel ma tkellem mal-avukata kien ipprova jikkuntatja lill-attur peress li kien ircieva sms minghandu u n-numru kien mill-Inghilterra, izda meta pprova jcempillu qatt ma rrisponda. Lill-attur qatt ma kien iltaqa' mieghu.

[24] Dok. BZ 2
[25] Dok. BZ 4 u BZ 5

Illum jikkonferma li l-ammont li ghad irid jircievi minghand il-partijiet huwa ta' €6,635.59 li jinkludu l-imghaxijiet u l-ispejjez.

6. Johanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li f'isem l-attur irrizultaw erba' kontijiet.[26] F'isem il-konvenuta rrizultaw zewg kontijiet.[27]

Dwar kontijiet kongunti tghid li rrizultaw li hemm tmien kontijiet.[28]

Kien hemm ukoll kont ta' credit card f'isem ir-ragel.[29]

Ikkonfermat li fuq il-kont numru 40014364860 kien sar withdrawal fl-1 ta' Awissu, 2012 fl-ammont ta' €4,056 minhabba li kien hemm mandat ta' sekwestru numru 252/12 u l-istess ammont gie ddepositat il-Qorti.

Ikkonfermat ukoll li mill-kont numru 40011840125 saru withdrawals bejn l-5 ta' Mejju, 2006 u t-18 ta' Lulju, 2006 u dawn saru mill-ATM tal-casino Dragonara.

Dwar kont numru 40014732324 saru depoziti minn Jannar 2014 sa Dicembru, 2017 mill-kont numru 40021077535 f'isem MM u dawn saru permezz ta' internet banking.

Dwar kont numru 40014732379 id-depoziti li saru bejn Jannar 2014 u Dicembru, 2017, jirrizulta li gew trasferiti mill-kont numru 40021077535 li jghajjat lil MM u dawn saru bl-internet

[26] Doks. BOV 1 – BOV 4
[27] Dok. BOV 5-BV 6
[28] Dok. BOV 7- BOV 14

[29] Dok. BOV 15

banking.

Fuq il-kontijiet numru 400147379 u 40014732324 il-bank kien ipprova jikkomunika mal-konvenuta diversi drabi, izda inutilment u kien ghalhekk li kienu kkuntatajaw lill-attur, peress li kienu kontijiet kongunti, sabiex dan ihallas l-arretrati dovuti.

7. MM ikkonferma li kien hemm kont numru 40021077535 li qieghed f'ismu pero' dan kien infetah fuq talba ta' missieru sabiex ikun jista' jiddeposita l-flus biex ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma. Missieru kien juza' dan il-kont u jiddeposita u johrog il-flus.

   Joanna Bartolo kkonfermat li hemm dan il-kont f'isem MM

8. Ispettur Robert Vella pprezenta diversi rapporti li saru minn CC kif ukoll diversi rapporti li saru mill-konvenuta.[30]

   Ipprezenta ukoll akkuza fil-konfront tal-konvenuta, fejn giet liberata,[31] kif ukoll akkuza ohra fejn giet liberata ukoll.[32]

9. David Galea, in rapprezentanza tal-APS Bank jikkonferma li fir-rigward tal-attur irrizultawlu erba' kontijiet bankarji [33]u DOk. APS 1 ghadu miftuh biss. Dwar flus li ngibdu minn dan il-kont ighid li kien hemm biss card f'isem l-attur.

10. Ispettur Stacy Attard ipprezentat rapporti li saru mill-konvenuta

[30] Dok. P8- P30
[31] Dok. P32
[32] Dok. P33
[33] Dok/ APS 1 – APS 4

fil-konfronta ta' zewgha l-attur. [34]

11. Dr Claude Sapiano mil-Lands Registry ma rrizultax li kien hemm xi proprjetajiet irregistrati f'isem il-partijiet.

12. Sonia Consiglio in rapprezentanza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kkonfermat ir-ricerki li ghamlet fuq il-partijiet.[35]

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

L-attur fir-rikors guramentat tieghu qed jitlob li l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet u dan minhabba li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, vjolenza domestika, eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tal-konvenuta kemm fil-konfront tal-attur, kif ukoll fil-konfront ta' ulied il-partijiet.

Il-konvenuta fir-risposta guramentata taghha taqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda ghal dawk ir-ragunijiet unikament attribwibbli lill-attur u mhux a bazi tal-allegazzjonijiet kollha mqanqla mill-istess attur fir-rikors guramentat tieghu.

**<u>ADULTERJU</u>**

[34] Dok. P1 sa P6
[35] Dok. RP u Dok. PM (X)

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

"*… l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet "Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika". ("Rosina Micallef vs Angelo Micallef" Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

L-attur isemmi li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' certu T l-Kampjun, fejn kienet tmur tilghab it-tombla u l-karti u dan kien, skond l-attur fil-bidu taz-zwieg taghhom. L-attur isemmi li kien ikkonfronta l-konvenuta li baqghet tichad li kellha dina r-relazzjoni u dan anke meta semmielha r-*recording*s li kien ha taghhom jitkellmu b'mod intimu.

Dawn ir-recordings skond l-attur kien remihom ghaliex kien iddecieda li ried isalva z-zwieg peress li t-tfal kienu ghadhom zghar u ghalhekk hafer lill-konvenuta.

Mir-rizultanzi processwali l-attur izomm il-konvenuta hatja ta' adulterju ukoll ma' Tork ET. Jinsisti li kienet tuza Facebook falz bil-profil ta' C T  u tuza l-profil ta' bintha J meta kienet tilghab il-poker ma' dan E T .

Hemm verzjonijiet kontrastanti rigward ir-relazzjoni tal-konvenuta mat-Tork u dan meta filwaqt li hi tkompli tinnega li kien hemm relazzjoni, J,  bintha stess tghid li ommha kienet haditha maghha sabiex tiltaqa' ma' dan E u kienet ippruvat tibghatha tahdem mieghu t-Turkija u sahanistra gieghlitha torqod mieghu fl-istess sodda, izda ma kienx missha. Il-konvenuta tinsisti li dan ma kienx minnu ghax hi u J, kienu raqdu fis-sodda, filwaqt li Ergun kien raqad fuq is-sufan.

Huwa difficli sabiex jigi ddeterminat min minnhom qed ighid il-verita' pero' m'hemmx kontestazzjoni li l-konvenuta u bintha J ltaqghu mat-Tork u mhix xi haga normali li mara mizzewwga tmur ma' bintha u torqod fl-istess kamra f'lukanda ma' persuna li tafu biss tramite l-mezzi socjali.

Adulterju lampanti jirrizulta car ma' CC , kollega tal-konvenuta meta kienet tahdem mal-Arriva. Ir-rapprezentanti ta' Arriva, fosthom JS  dak iz-zmien, ilkoll ikkonfermaw li kien hemm certi kunfidenzi zejda bejn il-partijiet. Kien hemm ukoll problemi fuq ix-xoghol li wasslu ghat-tkeccija kemm tal-konvenuta, kif ukoll ta' C u dan wara li nstab li l-konvenuta harget bis-*sick leave* u pprezentat certfiikat mediku falz li C, ammetta li ghadda lill-konvenuta. Il-

kwistjoni l-ohra kienet minhabba li kellhom xi jghidu fuq ix-xarabank quddiem il-passiggieri.

Il-konvenuta tinsisti li hi kienet biss habiba ta' C, u meta rrifertit ghalih bhala "partner," fir-rapport li ghamlet lill-pulizija riedet tfisser habib, izda tammetti li C, ried u insista li ghandhom ikollhom relazzjoni, izda ma riditx.

J, bint il-konvenuta tametti li kienet tkun m'ommha hafna u kien ikun hemm C prezenti kemm il-darba u ma kienx ghaddielha minn mohhha li seta' kien hemm relazzjoni. Kien pero' bghatilha messaggi fejn stqarr maghha li ghandu relazzjoni mal-konvenuta, kif ukoll qed tistenna t-tarbija tieghu, minkejja li dan ma rrizulta minn imkien fil-kawza. Anzi l-konvenuta tinnega din l-allegazzjoni tat-tqala.

Da parti tieghu, l-attur stqarr ukoll li C kien ikkomunika mieghu u kien infurmah li kellhom numri tat-telefon li kienu juzaw bejniethom biss u kienu juzaw ukoll profili foloz fuq Facebook ukoll. Dan gie kkorroborrat minn bint il-partijiet J.

Jirrizulta li hemm indizi gravi u przunjonijiet li kien hemm adulterju kommess da parti tal-konvenuta diversi drabi.

Dwar l-attur, il-konvenuta tallega li ma kienx qalilha li meta kien qed jahdem l-Inghilterra, fil-kamra li kien jikri kien hemm ukoll mara Pollakka u saret taf li tghix hemm ukoll meta marret l-Inghilterra. Tinsisti li peress li ma kienx infurmaha seta' kien hemm relazzjoni adultera. L-attur jinnega dan u jiggustifika l-fatt li ma qallix peress li kienet tghir u di piu' jinsisti li lanqas seta' jikkomunika maghha peress li lanqas kienet titkellem bl-Ingliz.

Takkuza ukoll lill-attur li kellu relazzjoni ma' MM, fatt mhux kontradett mill-attur, ghajr li r-relazzjoni bdiet fl-2017 ghal ftit xhur, anke jekk kien ilu jafha minn meta kellhom 17-il sena. Jammetti ukoll li kien ihallsilha l-mobile. Izda sa dak iz-zmien kienu diga' *de facto* isseparati.

Il-konvenuta ukoll esebiet ittra li sabet ghand l-attur fejn jammetti li kellu diversi relazzjonijiet li jmorru ukoll lura fiz-zmien. L-attur jinnega li dina kienet ittra li baghat lil mahbuba tieghu, izda jghid li l-kitba kienet storja vvintata minnu u kien kitibha fuq *memo pad* li tawh meta kien ghamel kors mal-Huawei.

Hemm verzjonijiet kontrastanti dwar meta nstabet dina l-ittra. Il-konvenuta tghid li nkitbet fl-2010, filwaqt li l-attur jinsisti li kien fl-2014.

Il-perit legali Dr. Anna Mallia rrelatat li ghalkemm jirrizulta li kien hemm adulterju kommess da parti tal-partijiet rispettivament, dawn imorru lura ghaz-zmien meta diga' kien hemm problemi serji fiz-zwieg. Tikkontendi li r-relazzjoni bejn il-konvenuta u C sehh fl-2012, meta z-zwieg bejn il-partijiet kien diga' spicca.

Ir-relazzjoni bejn l-attur u M M tmur lura ghas-sena 2015, kif ukoll l-ittra li sabet il-konvenuta miktuba mill-attur, ghalkemm ma jirrizultax car meta nkitbet, ugwalment imur lura ghaz-zmien meta z-zwieg kien tfarrak.

Dina l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Legali u cioe' li z-zwieg tkisser mhux minhabba l-adulterju kommess da parti tal-partijiet, izda kien ilu jitkisser ghar-

ragunijiet tad-djun li ghamlet il-konvenuta kif ser jigi spjegat iktar 'l isfel.

**<u>VJOLENZA</u>**

Dwar il-vjolenza "*il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima.*"

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

*"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."*[36]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

*"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."*[37]

[36] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003
[37] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

Dwar vjolenza, l-attur jammetti li kien hemm okkazzjoni fejn refa' idejh fuq il-konvenuta u dan wara li kompliet tinnega r-relazzjoni taghha ma' T  il-Kampjun u dan skond hu meta diga' kellu r-r*ecordings* tat-telefonati li kienu jaghmlu lil xulxin.

L-attur ressaq ukoll bhala provi li l-konvenuta kienet attakkatu b'flixkun tal-hgieg u darb'ohra kienet attakkatu b'arma bil-ponta u tefeghetlu figurin tac-caqquf li laqghtet lit-tifel taghhom minflok.

Hemm imbaghad l-incident tal-Milied fejn il-kontendenti tlewmu u sar rapport l-ghassa minhabba li l-konvenuta tghid li l-attur imbuttahha, filwaqt li l-attur isostni li l-konvenuta bdiet itih b'cavetta u waddbitlu Father Christmas izda ma laqtitux. Mir-rapport tal-pulizija jirrizulta li l-partijiet iddecidew li ma jimxux kontra xulxin u dan sabiex ma jtellghux lil uliedhom il-Qorti.

Ghalhekk jirrizulta li l-incidenti ta' vjolenza ma kinux jigru ripetutament u kien hemm biss incidenti izolati. Ghalhekk dan l-estrem ma giex ippruvat gialadarba ma kienx hemm persistenza f'dawn l-atteggjamenti bejn il-partijiet.

## <u>Minacci, Eccessi, Ingurji Gravi</u>

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-

Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi *"....mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."*

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "*f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."*

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

Mhux ikkontestat li l-attur ghamel zmien fejn kellu problema tax-xorb. Jammetti li dan sehh minhabba l-fatt li kien jara l-indifferenza tal-konvenuta lejh peress li kienet iffissat f'dan T il-Kampjun. Jammetti ukoll li kien jidhol xi drabi d-dar fis-sakra. Jishaq pero' li meta bdew jattendi l-prayer groups kien iddecieda li jsolvi dina l-problema.

Hemm diversi incidenti li jaghmlu referenza ghalihom il-partijet, imma madanakollu hafna minnhom sehhew wara li bdew il-proceduri ta' separazzjoni u ghaldaqstant mhumiex il-kagun tas-separazzjoni.

Il-problemi u l-vizzju tal-loghob tal-konvenuta, kienu ukoll il-kagun tal-firda bejn il-konjugi M.

Hemm diversi provi kontrastanti in kwantu jirrigwarda d-dejn li ghamlet il-konvenuta. Tinsisti li dan id-dejn ghamlitu dejjem ghax kien riedha l-attur, li da parti tieghu jinnega fuq li jinnega li hu kien gieghel lill-konvenuta tiddejjen sabiex ikollhom flus ghall-operazzjoni li kien ser jaghmel minhabba l-kancer f'ghajnejh jew li kien ighid lill-konvenuta sabiex tmur tilghab il-casino sabiex forsi tirbah u jkollhom il-flus.

Il-perit legali kkonkludiet li mill-assjem tal-provi ma kienx hemm raguni ulterjuri ghalfejn l-attur kellu jbiegh id-dar tan-Naxxar, ghajr biex ihallas id-djun li ghamlet il-konvenuta. Tant hu hekk li ma jirrizultax li saru xi depositi minn dan il-bejgh. Din il-Qorti taqbel maghha.

Id-dejn sar ma' diversi nies, fosthom ma' dak li kien l-imghallem tal-attur MA, ma' F B u anke B Z , Dawn kollha kienu kkonfermaw

li l-konvenuta kienet talbithom l-ghajnuna finanzjarja peress li l-attur kien ser jaghmel intervent importanti f' ghajnejh. Il-konvenuta tinsisti li ghamlet dan fuq insistenza tal-attur. Pero' A stess jikkonferma li l-attur kien qallu wara, li dawk il-flus ma ntuzawx ghall-operazzjoni. Il-verzjoni tal-attur hija iktar kredibbli iktar u iktar meta l-operazzjoni u l-ispejjes sabiex sar l-istess intervent barra minn Malta thallsu mill-Gvern. Inoltre, ngabu provi fejn l-istess konvenuta tammetti u tiskuza ruhha mal-attur li kienet isselfet dawn il-flus sabiex thallas il-wiehed maghruf bhala l-Bona ghaliex kienet issellfet il-flus minghandu ukoll minhabba l-vizzju tal-loghob u kien qed iheddidha.

F' diversi okkazzjonijiet, l-attur ra kif ghamel sabiex jerfa' l-piz tad-dejn li ghamlet il-konvenuta konsapevoli li kellha vizzju ikrah tal-loghob u certament ghalih kien umiljanti li jammetti li martu ghandha dan il-vizzju mishut.

Bint il-konvenuta stess J tikkonferma li ommha kienet thobb tilghab poker u anke tmur il-casino u gieli kienet thallihom id-dar wahedhom u tghidilhom biex ma jghidu xejn lill-attur li kien qieghed l-Inghilterra, minkejja li l-konvenuta tichad dan.

Jirrizulta ukoll li l-flus li ntefqu ma kinux ghall-marda tal-attur, tant hu hekk li l-attur spicca hallas diversi flejjes bejn is-snin 2004 u 2005

Ghalhekk, id-dejn li ghamlet il-konvenuta kontinwament sabiex tiffinanzja l-vizzju taghha, wassal sabiex il-familja titfarrak u kkagunat problemi finanzjarji li setghu waslu ghar-rovina taghhom, ghajr li ma kienx l-attur li ghamel hiltu biex ma jaslux f'din l-estremita'.

Jirrizulta li ghalhekk kien hemm eccessi, mohqrija u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta.

**MANTENIMENT**

Il-konvenuta ddikjarat fil-mori tal-kawza li ma kinitx qed tippretendi manteniment minghand ir-ragel taghha. Jirrizulta ukoll li ma tistax tahdem peress li tghid li ghandha tumur f'rasha, pero' provi fuq dan ma ngabux.

Gie ppruvat mir-rapprezentanti tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li l-konvenuta kienet tircievi l-ghajnuna socjali, imbaghad meta saru jafu li zewgha kien ighix l-Inghilterra kienu ghamlu zmien waqqfuhulha sakemm gie ppruvat li ma kienx qieghed Malta.

Prezentement Joseph Chircop, in rapprezentanza tal-istess Dipartiment ikkonferma li l-konvenuta tircievi €83.89 fil-gimgha bhala ghajnuna socjali u bejn bonuses, ghajununa medika, kif ukoll ghajnuna supplimentarji tircievi €150.

Ghandu jigi rilevat ukoll li ghalkemm ma kienx hemm kontestazzjoni li l-attur ghamel zmien jahdem l-Inghilterra, ma ngabux provi dwar l-introjtu tieghu. Ciononostante, din issir irrilevanti gialadarba l-konvenuta mhix qed titlob alimenti minghandu.

**Manteniment ghat-tfal**

Illum iz-zewgt itfal tal-partijiet huma maggorenni u ghaldaqstant m'ghadx hemm lok li jircievu manteniment.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

**DJUN**

Il-maggorparti tal-kaz jirrivolvi fuq il-problema tad-djun li kienu saru fiz-zwieg tal-partijiet.

Kif ben ipprecizat il-perit Legali Dr. Anna Mallia gia' stabbilit li hemm id-dejn u sar fil-maggorparti mill-konvenuta, dina l-Qorti trid tiddetermina jekk dan id-dejn jiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti se ticcita mir-rapport tal-Perit Legali fejn gie ttrattat dan il-punt u cioe' jekk dejn isir minn wiehed mill-konjugi minghajr il-kunsens tal-konjugi l-iehor ghandux jigi kkunsidrat bhala dejn tal-komunjoni tal-akkwisti.

> « ***Rigward ir-responsabbilita' solidali tal-mizzewwgin ghad-djun tal-komunjoni tal-akkwisti l-Qorti tabbraccja l-insenjament moghti fl-ismijiet Carmel sive Charles Sciberras vs Yossef u Romina Rhouri (App. Civili (Inf.) nru. 81/2003/1 – deciza fid-9 ta'*** *Novembru,* ***2005 fejn il-Qorti rribattiet li :-***

***« Taht ir-regim matrimonjali taghna l-unika deroga fejn ma jistax jinghad li tezisti din is-solidarjeta' huwa l-kaz kontemplat fl-Artikolu 1329(1) tal-Kapitolu 16, u cioe' fir-rigward ta' djun li jsiru minn xi hadd fost il-konjugi u li ma jitbatewx mill-komunjoni tal-akkwisti. »***

Il-perit legali taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet **Angela Demarco vs David Demarco et. deciza fid-9 ta' Ottubru, 2003** mill-Prim'Awla fejn ghamlet referenza ghall-artikolu fuq imsemmi u qalet illi *« l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili jiddisponi li att li normalment hu meqjus bhala att ta' amministrazzjoni straordinarju jista' jsir minn konsorti wiehed u jkun validu jekk dak l-att ikun att normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni tal-konsorti li jkun agixxa minghajr il-permess tal-parti l-ohra. Il-Qorti kienet tal-fehma li komprizi fit-terminologija ta' att normali ta' gestjoni ta' negozju wiehed ghandu jinkludi mhux biss l-atti gurnaljieri tal-kummerc, izda ukoll dawk l-attivitajiet li ghalkemm ma jsirux fuq bazi regolari, huwa pero' normali fil-kummerc u fin-negozju. »*

F'dan l-istadju l-perit legali issa trid tistharreg il-kwistjoni jekk dak l-att kienx jaqa' fil-komunjoni tal-akkwisti jew le. Hawnhekk hija ghandha l-konfort ta' decizjoni moghtija mill-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2033 fl-ismijiet **Claudette Gauci vs Paolo Bonnici Limited et. et**. Fejn fost affarijiet ohra l-Qorti kienet qalet *« kieku att straordinarju li huwa att normali ta' gestjoni ta' kummerc ma jorbotx il-komunjoni tal-akkwisti ma jkunx hemm lok tar-regola ntrodotta bl-artikolu 1324 ghax bhala att straordinarju ezercitat mill-konjugi wiehed biss ma jorbotx lill-komunjoni tal-akkwisti fih innifsu. L-iskop tal-Artikolu 1324 huwa ntiz biex fil-konfront ta' terz*

*il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsorte wiehed biss, basta li jkun att normali ta' gestjoni ta' kummerc. It-terz allura ma jkollux ghalfejn kull darba li jinnegozja ma' konsorti, jitlob li dan tal-ahhar igib il-parti l-ohra mieghu ghax jaf li bil-firma ta' parti wahda, xorta wahda jkun kopert. »*

L-attur qed jippretendi s-segwenti rifuzjoni tad-dejn li hallas minghand il-konvenuta[38]:-

**i)** **<u>Djun varji meta kienu ghadhom in-Naxxar</u>**

Lm15,000 (€34,880)

Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-perit legali li ma ngabux provi dwar dan id-dejn u ghaldaqstant il-konvenuta m'ghandha tghaddi xejn lill-attur;

ii) **<u>Serq mill-pouch - €</u>**<u>5,500</u>

Jirrizulta ukoll li ghajr lil-attur ghamel rapport mal-pulizija u ma kienx jirrizulta li kien hemm xi serq mid-dar jew xi sgass, ma hemmx xejn x'jindika li dawn il-flus ittiehdu mill-konvenuta mill-*pouch* li gab meta wasal lura mill-Inghilterra. Inoltre kien hemm inkjesta magisterjali izda ma tressaq hadd;

**iii)** **<u>ATM Dragonara</u>**

(€935, €5,907.67 flus li l-konvenuta gibdet bejn l-10 ta' Dicembru, 2005 u 20 ta' Frar, 2008 mill-ATM tal-casino kif jirrizulta minn fol 874 sa 887 u 1117 sa 1118.

[38] Fol. 539

Il-Qorti diga' ttrattat il-kwistjoni ta' dawn il-*withdrawals* li saru mill-konvenuta. Pero' gie stabbilit li dawn saru meta l-attur kien konsapevoli li kienu qed isiru u m'ghamel xejn biex iwaqqaf dawn l-izbanki u kien biss fl-2012, meta ikkonferma li kien hemm relazzjoni bejn martu u C li tah istruzzjonijiet lil bank biex ighalqu l-kont.

Ghaldaqstant, dan l-ammonti li gew zbankati mhumiex dovuti mill-konvenuta.

iv) L-attur qed jippretendi ukoll hlasiijiet li ghamlu uliedu J u M, ghall-ommhom ta' €250 u €300 rispettivament ;

Il-perit legali rrakkomondat li peress li llum it-tfal ghandhom l-eta' taghhom setghu jfittxu lil ommhom huma stess u dina l-Qorti taqbel ma' dina r-rakkommandazzjoni ;

v) Dwar is-segwenti pagamenti pretizi mill-attur ma ngabux provi:-

a) €18,604.65 (Lm8000) – lil individwu minn Hal Luqa;
b) €5,813.95 (Lm2500) – mara minn B'Kara;
c) €3,9518.49 (Lm1, 700) – konslu Valletta;
d) €5,813.95 (Lm2500) – individwu minn tas-Sliema li l-konvenuta qaltlu lu hu habib ta' missieru.

**vi) Dejn li ghamlet il-konvenuta ma' Godwin Mallia[39]**

€1,163 (Lm500)

[39] Fol. 294

Dan id-dejn gie ammess mill-konvenuta u ghalhekk ghandha thallas lill-attur tieghu.

vii) Flus li l-konvenuta gibdet mill-kont personali kont tal-APS numru 20000787990 bejn it-2 ta' Settembru, 2009 u l-1 ta' Novembru, 2009 meta huwa kien imsiefer l-Inghilterra.[40]

Hawnhekk l-attur kien jaf li l-konvenuta kellha access ghall-cashlink card tieghu u jekk halliha juzaha ma jistax jinghad li hemm debitu favurih.

**viii) Dejn ma' F B - €16, 443.20**

Jirrizultaw provi li dan id-dejn kien jezisti u dan meta l-konvenuta tat lill-istess B cekk li ma ssarrafx. Saret imbaghad skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu fis-7 ta' Awissu, 2008. Biex hallas dan id-dejn, l-attur ittrasferixxa flus mill-kont tieghu l-Inghilterra ghall-kont mal-Bank of Valletta plc. Il-flus imbaghad gew trasferiti fil-kont li kien f'isem MM li mbaghad ittrasferihom lill-konvenuta biex thallas l-avukat sabiex jinqata' d-dejn u jigi kkancellat il-mandat. L-attur inoltre kellu jaghmel self mal-NatWest l-Inghilterra fl-ammont ta' 8000 lira sterlina.

B' kollox lil Natwest kellu jhallas €16,443.20 li jinkludi fih l-imghaxijiet.

Ghaldaqstant, dan l-ammont ta' €16,443.20 huwa dovut mill-konvenuta lill-attur.

[40] Fol. 267

(ix) Dejn li l-konvenuta ghamlet ma' BZ u li kienu gew sekwestrati €4, 500 mill-kont personali tieghu ;

BZ ikkonferma li kien sar jaf lill-konvenuta tramite kollega li kienet introducietu lil oht il-konvenuta. Is-self kien ta' €12, 500 u jghid li l-konvenuta kienet hallsitu lura b'zewg cekkijiet fl-ammont ta' €3500 u €9000 rispettivament, izda meta hareg ic-cekkijiet fuq terzi, dan ma ssarrfux u ghalhekk ma gewx onorati. Ghalhekk Z kien hareg sekwestru fuq il-kontijiet bankarji tal-partijiet.

Z jikkonferma li ma kienx jaf lill-attur, pero' jiftakar li kien ircieva xi messaggi minn numru Ingliz, fejn l-attur kien infurmah li l-flus kellhom bzonnhom minhabba li kellu jaghmel operazzjoni.

Jirrizulta ghalhekk li l-konvenuta kienet ghamlet dan id-dejn, minkejja li l-attur baqa' jsostniha biex forsi thallas id-dejn kollha li kienet ghamlet, Jibqa' l-fatt li hija l-istess konvenuta li ghandha thallas ghal dan id-dejn, precisament €4, 500 li gew issekwestrati mill-kont personali tal-attur, kif ukoll kwalsiasi il-bilanc iehor li hija responsabbli ghalih il-konvenuta lejn dan il-kreditur.

ix) L-ammont li l-attur hallas lil MA, inkluz l-imghaxijiet (€71,382.18), wara li l-konvenuta hadet self minghandu fl-ammont ta' Lm20,600. Kien sar *loan agreement*, fejn il-kontendenti u A ftehmu fuq il-modalitajiet ta' pagament u dan gie saldat f' Gunju, 2017.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenuta kienet ghamlet biss zewg pagamenti lil A, precisament fis-6 ta' Frar, 2006 u s-17 ta' Marzu, 2006.

Lill-attur kienet hallsitu Lm5,200 (€12,116), ghax wara kollox kienet hi li ghamlet dan id-dejn sabiex thallas id-dejn li kienet ghamlet ma' wiehed maghruf bhala l-Bona.

**Ghaldaqstant, il-konvenuta ghandha tirrifondi lill-attur il-bilanc li jammonta ghal €59,266.18.**

x) L-attur qed jippretendi ukoll li jigu rifuzi diversi spejjes ohra li hallas :-

a) €3,850.30 spejjes li l-attur ighid li ghamel sabiex jigi Malta biex jiftah il-kawza ta' separazzjoni.

Il-konvneuta m'ghandhiex tbati dawn l-ispejjez, u dan meta kien l-attur li ddecieda li jiftah dina l-kawza u setghet innomina lil xi hadd bhala mandatarju tieghu fi kwalunkwe kaz.

b) €16,260.84 li jirrapprezentaw nofs il-pagamenti ta' house loan li ghamel l-attur bejn l-1 ta' Mejju, 2013 sal-31 ta' Dicembru, 2018.

Il-konvenuta ghamlet zmien tahdem, imbaghad waqfet u tghid li mhix f'posizzjoni li tahdem iktar, izda ciononostante kien hemm perjodu fejn setghet tahdem izda ma kienitx tkampa fl-impjiegi taghha,

**Dan iwassal sabiex il-konvenuta ghandha trodd lura s-sehem taghha mill-istess loan u cioe' ghandha tirrifondi s-somma ta' €8,180.42.**

c) €3,032.38 arretrati ta' kontijiet tad-dawl u ilma li jmorru lura sa Lulju, 2013 u jikkonsisti f'€897.65 ghall-perjodu bejn 27 Lulju, 2013 u 28 ta' Marzu, 2015 li hallas l-attur, €635.60 kontijiet bejn Gunju 2015 u Dicembru, 2015 hallas l-attur u €1,499 l-bilanc attwali sal-21 ta' Awissu, 2018.

**Il-konvenuta ghandha thallas nofs dawn il-pagamenti lill-attur, u cioe' €1,516.19.**

xi) Dwar d-dejn dovut lil A u MC il-partijiet kienu ftehmu fil-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2018 li dan id-dejn ser jigi assunt mill-konvenuta u fil-fatt kienet saret konstituzzjoni ta' debitu fiss-27 ta' Frar, 2014 fl-atti tan-Nutar Antonella Navarro.

**<u>VETTURI</u>**

Mir-rizultanzi processwali jidher li l-partijiet ghandhom vettura wahda SEAT Cordoba li giet iggaraxxjata fuq decizjoni tal-attur.

Il-perit legali Dr.Anna Mallia tikkontendi li ghandha ssir valutazzjoni tal-vettura in kwistjoni u semmai peress li kienet decizjoni tal-attur li ma tintuzax minn ebda wiehed minnhom, il-konvenuta ghandha tiehu r-rikavat tal-istess.

Il-Qorti taqbel ma' dina r-rakkomandazzjoni .

**<u>KONTIJIET BANKARJI F'ISEM L-ATTUR</u>**

Dwar il-kontijiet bankarji, diversi rapprezentanti xehdu u kkonfermaw li l-attur ghandu kontijiet mal-Bank of Valletta plc. u mal-APS Bank.

Il-konvenuta jirrizulta li ghandha kontijiet mal-Bank of Valletta plc.

Kull parti ghandha zzomm il-kontijiet bankarji taghha.

Pero' jirrizulta li saru diversi withdrawals mill-konvenuta u fil-fehma tal-perit legali dawn saru u l-attur baqa' jippermettihom peress li seta' jivverifika mill-helpline tal-Bank of Valletta sabiex iwaqqfilha l-card u kien biss fit-13 ta' Awissu, 2012 li ta istruzzjonijiet lill-bank sabiex ighalqu l-kont u jittrasferixxi l-bilanc f'kont savings tieghu.

Il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonjiet raggunti mill-perit legali li dawn l-ammonti mhux dovuti mill-konvenuta ghal dina r-raguni, kif wara kollox diga' gie enuncjat iktar 'l fuq.

Jirrizulta ukoll li mal-Bank of Valletta plc. il-partijiet kellhom xi kontijiet kongunti. F'dan il-kaz il-bilanc li hemm fl-imsemmija kontjiet ghandhom jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Propjeta' Parafernali, Naxxar**

Mhux ikkontestat li l-attur kien xtara appartament Flat 1, St. John Flats, Triq 21 ta' Settembru fit-18 ta' Dicembru, 1987. Il-konvenuta tinsisti li kienet harget Lm1,000 biex giet akkwistata dina l-proprjeta', izda ma ngabux provi biex tikkorrobora dan.

Jirrizulta li dan l-appartament kellu jinbiegh u l-attur jikkonferma li kien ha d-decizjoni sabiex ikun jista' jhallas id-dejn li ghamlet il-konvenuta. Fil-fatt, il-fond inbiegh permezz ta' kuntratt ta' bejgh li sar fl-atti tan-Nutar Marco Burlo' ghall-prezz ta' Lm28,500 (Eur 66,405) fit-8 ta' Awissu, 2002.

L-attur sahaq li minn dan ir-rikavat kellu jaqta' l-home loan, kif ukoll id-dejn li ghamlet il-konvenuta fl-ammonti ta' Lm14, 000 u Lm8000 ma' ragel minn Hal Luqa.

Dwar il-home loan, jirrizulta mill-provi li l-attur ghamel depozitu fl-10 ta' Awissu, 2002 u probabilment dan l-ammont kien gej mir-rikavat tal-bejgh.

Dwar id-dejn li semma ma ngabux provi taghhom u effettivament li d-dejn gie saldat.

Ghaldaqstant jirrizulta biss li l-ammont li ghandu jigi prelevat favur l-attur huwa ta' Lm13,996.06 ekwivalenti ghal €32,540.78.

**Bejgh tal-garaxx u polza ta' assikurazzjoni**

Minkejja li l-attur isemmi li biegh s-sehem tieghu tal-garaxx formanti parti mill-appartament li kellhom u ddepozita s-somma flus fil-kont tieghu mal-APS, kif ukoll li sarraf polza ta' assikurazzjoni, ma ngabux provi konkreti minn fejn gew u fejn spiccaw dawn il-flus. Anke jekk jirrizulta li f-istess perjodu l-attur kien ghamel xi depoziti l-provenjenza taghhom mhix ippruvata.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-perit legali li m'hemmx bazi ghall-pretensjoni tal-attur.

**Dar Matrimonjali Imtarfa**

Fit-18 ta' Novembru, 2005, il-partijiet kienu xtraw d-dar matrimonjali u cioe' appartament numru 6, Entratura B u garaxx numru 6 Binja l-Marg, Triq Sir Leslie Rundle, Imtarfa fl-atti tan-Nutar Adriana Vella ghall-prezz ta' Lm44,500 u Lm6,800 ghall-garaxx, liema prezz kien gie sussidjat mill-Awtorita' tad-Djar. Ghalhekk effettivament jirrizulta li l-kontendenti hargu Lm3570 lil Awtorita', flimkien ma' Lm32,130 mislufa mill-bank kif ukoll Lm247.50 bhala spejjes tal-manutenzjoni tal-faccata tal-blokk.

Ma hemmx qbil fuq il-valur tal-istess proprjeta' u ghalhekk jehtieg li ghandu jigi nkarigat perit mill-Qorti sabiex jevaluwa l-fond in kwistjoni, liema fond, flimkien mal-garaxx ghandu jinbiegh u mir-rikavat ghandu jithallas il-house loan, id-dejn

li l-partijiet baqghalhom mal-bank, jithallas l-attur il-krediti li fadallu kontra l-konvenuta, b 'dana li r-rikavat imbaghad ghandu jinqasam bejniethom.

Il-Qorti taqbel ukoll ma' dak irrakkomandat mill-perit legali li minn sehem il-konvenuta ghandha thallas id-dejn li ghandha ma' C, flimkien mal-ispejjes sabiex tigi kkancellata l-ipoteka.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi :-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici;
2. Tilqa' t-tieni talba attrici;
3. Tichad it-tielet talba attrici stante li ma gewx segwiti l-proceduri kkontemplati fl-artikolu 39 tal-Kap, 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Tilqa' r-raba' talba ;
5. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni ta' dina t-talba stante li l-Qorti kienet awtorizzat lill-konvenuta sabiex tghix fid-dar matrimonjali;
6. Tilqa' s-sitt talba attrici stante li l-konvenuta ddikjarat li mhix qed titlob manteniment minghand l-attur ;
7. Tichad is-seba' talba attrici;
8. Tichad it-tmien talba attrici;
9. Tilqa' d-disa' u l-ghaxar talba attrici anke ghaliex qatt ma kien hemm digriet ta' manteniment fil-konfront tal-konvenuta u kif ukoll il-konvenuta ddikjarat li mhix titlob manteniment minghand l-attur;

10. Tilqa’ in parte l-hdax-il talba attrici stante li l-Qorti kienet diga’ ordnat it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti b’effett mis-sentenza tal-25 ta’ Frar, 2016 li saret res judicata ;
11. Tichad it-tnax-il talba attrici stante li d-dar matrimonjali u l-garaxx ghandhom jinbieghu sakemm xi parti mhix lesta li tixtri s-sehem tal-parti l-ohra ;
12. Tilqa’ t-tlettax-il talba attrici ai termini tal-Artikolu 55A (1) (b) u (c) tal-Kap. 16 tal-Ligiijiet ta’ Malta ;
13. Tichad l-erbatax-il talba attrici u dan stante li l-Artikolu 62(a) tal-Kap. 16 jaghmilha fakoltativa u mhux tassativa li l-mara tirriverti ghal kunjomha xebba kif ukoll ghaliex l-artikolu 62(b) tal-istess Kap li fuqu qed jibbaza t-talba tieghu l-attur in-nota trid issir mill-konvenuta qabel ma tinghata s-sentenza dwar jekk il-konvenuta hix ser tibqa’ bil-kunjom ta’ mizzewwga jew hux ser tirriverti ghall-kunjomha ta’ xebba ;
14. Tilqa’ l-hmistax-il talba attrici ;
15. Tilqa’ s-sittax-il talba attrici u tinnomina lill-perit Godwin Abela jekk ikun il-kaz, u kuraturi deputati tat-turn ghall-eventwali kontumacja ta’ xi hadd mill-partijiet.

**Divorzju**

L-attur ukoll ipprezenta rikors fejn talab li dan iz-zwieg jinhall ai termini tal-Artikolu 66 A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Peress li jirrizulta li ghaddew erba’ snin *de facto* sseparati u li ma jirrizultax li hemm possibilita’ ta’ rikonciljazzjoni u

lanqas hemm kwistjonijiet fuq hlasijiet ta' manteniment, il-Qorti ghandha tghaddi biex tippronunzja l-hall taz-zwieg.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenuta.

**Onor.Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**